# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Jason Busuttil**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Jason Busuttil**, numru tal-Karta tal-identita' 1591M fejn ġie mixli talli nhar il-15 t'Awissu 2013 għall-ħabta tas-18:00 ta' filgħaxija, fil-By-pass ta' Ħal-Għaxaq :-

**(a)** Saq vettura tal-marka Peugoet 205 numru tar-reġistrazzjoni DAE 893 b'manjiera perikoluża, negliġenti u traskurata;

(b) U aktar talli fl-istess data, ħin, post u ċirkostanza, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunajt ġrieħi ta' natura gravi li ġġib il-konsegwenzi msemmija fl-Artiklu 218 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u dan skont l-Artiklu 226(1)(a)(c) tal-

Kodiċi Kriminali fuq il-persuna ta' Peter Paul Sarnrnut, li jabita l-Gudja;

(c) U aktar talli fl-istess data, ħin, post u ċirkostanza għamel ħsara involontarja fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BUS 237 għad-dannu tal-Arriva (Malta) Limited u fuq il-vettura tar-reġistrazzjoni DAE 893 għad-dannu ta' Consiglio Busuttil;

(d) U aktar talli fl-istess data, ħin, post u cirkostanza, kien taħt l-influwenza tax-xorb.

Rat li matul is-seduta tat-28 t'April 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Edward Gatt tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi kwantu għall-meritu tal-każ, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien penalment jaħti għall-inċident stradali de quo. Jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura Peugoet 205 bin-numru DAE 893 dakinhar tal-inċident u li miegħu kellu riekeb lil Peter Paul Sammut bħala passiġġier meta l-vettura misjuqa mill-imputat baqgħet dieħla fuq il-parti ta' wara ta' xarabank ġja proprjeta tal-kumpanija Arriva Malta, li skont is-sewwieqa tal-istess xarabank, kienet wieqfa fuq it-traffic lights. Din id-dinamika tal-impatt ġiet ukoll konfermata mill-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Jirriżulta wkoll mill-provi prodotti li l-imputat kien taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku kif ukoll kien qiegħed il-ħin kollu jitkellem ma' sħabu, anke billi jdur u jħares lura minflok ma żamm għajnejh il-ħin kollu fuq it-triq. Inoltre, irriżulta lill-espert Mario Buttigieg li ma nstabux *break marks*, fatt dan li juri li l-imputat l-anqas biss ipprovja

jibbrejka qabel ma seħħ l-impatt; fatt li wkoll juri li Busuttil ma kienx qiegħed moħħu konċentrat fuq is-sewqan tiegħu.

In konsegwenza għal dan l-impatt, kemm il-vettura misjuqa mill-imputat kif ukoll ix-xarabank sofrew diversi ħsarat skont kif jirriżulta mir-relazzjoni ta' Mario Buttigieg. Dan ikkonkluda li l-vettura Peugoet 205 DAE 893 kienet beyond economical repair fil-waqt li x-xarabank kien jissewwa.

Inoltre, in konsegwenza għall-impatt max-xarabank, Peter Paul Sammut, li kien riekeb passiġġier fuq quddiem tal-vettura misjuqa mill-imputat kien rieqed u kien ukoll liebes is-*seat belt*. Ġara illi mal-impatt vjolenti Sammut sofra diversi ġrieħi li jidhru miċ-ċertifikat mediku a fol. 11, nonche mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri mnejn jirriżulta li Sammut sofra, *inter alia* minn *bleeding* fis-*subhepatic space* kif ukoll mix-xiehda ta' Dr. Robert Cuschieri a fol 40 mnejn jirriżultaw l-interventi li saru fuq il-persuna ta' Sammut wara li nstab li kienet iċċartitlu l-*blood supply* lejn il-musrana, biċċa minnha mietet u qisha pperforat tant li kellhom jaqtgħulu madwar nofs metru mill-musrana u jħituhielu flimkienħaslulu l-materja minn żaqqu kif ukoll neħħewlu l-appendix li kienet infjammata minħabba l-proċess. Huwa għamel bejn il-15 u t-28 t'Awissu 2013 l-Istpar.

Inoltre meta eżaminat ir-relazzjoni medika tal-imputat nonche x-xiehda dwar il-ġrieħi minnu sofferti, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha mhux daqstant taħt dak dispost mill-Artikolu 226(1)(a)(c), daqskemm minn dak previst mill-Artikolu 226(1)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali u dan b'riferenza għal dak dispost mill-Artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti tqis li l-azzjoni ta' Busuttil li jsuq il-karozza meta kien jaf li kien xorob ammont ta' xorb alkoħoliku kif ukoll li saq b'mod li kien aktar moħħu f'dak li kienu qed jgħidu sħabu fil-karozza aktar milli filli jsuq bil-għaqal u jkun moħħu fit-triq huwa reat serju ħafna li setgħa faċilment kellu konsegwenzi ferm akbar. Mill-banda l-oħra l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll id-dikjarazzjonijiet tal-parte civile.

# ***DECIDE***

Li qegħda ssib lil **Jason Busuttil** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 226(1)(b) b'riferenza għall-Artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) u 15A(1)(2) u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, nonche l-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ tikkundannah għall-piena ta' tliet xhur priġunerija.

Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, il-Qorti qegħda tikkundanna wkoll lill-ħati għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500).

Inoltre qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għall-perjodu ta' tminn xhur liema skwalifika għandha tibda tgħodd minn nofs il-lejl il-quddiem.

**Mogħtija illum it-30 jum t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont